Il-Minuti tal-Ħmistax (16) –il laqgħa tas-sitt leġislatura tal-Kunsill Lokali Kirkop li saret nhar il-Ħamis 27 ta' Awwissu, 2009 fil-ħamsa u nofs ta' wara nofs in-nhar (5.30pm) fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill.

*Preżenti għall-Laqgħa:* Mario Salerno Sindku
Joe Carbone Viċi Sindku
Stephen Mizzi Kunsillier
Rose Roberts Kunsilliera
Nadia Zammit Kunsillier
Ranier Busuttil Segretarju Eżekuttiv

S-Sindku ppresedja l-laqgħa.

**1. Qari u Konsiderazzjonijiet tal-Minuti**

1.1. Il-Minuti tal-ħmistax -il laqgħa tqassmu ġimgħa qabel u inqraw.

**2. Approvazzjoni tal-Minuti**

2.1. Il-Minuti tal-laqgħa 14 u 15 ġew approva mis-Sindku Mario Salerno u issekondat Rose Roberts.

**3. Punti Mqajjma mill-Minuti**

3.1. Is-Sur Mizzi qal li hemm punt minnhom fl-istqarrija tiegħu mhux qiegħed spjegat ċar u tajjeb li nikkoreguh. Għalhekk Stephen qal li irid jiġi imniżżel hekk:

*Stephen Mizzi stqarr li fi żmien li kien jieħu ħsieb il-lezzjonijiet tal-keep fit, il-flus miġbura kienu jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż tal-għalliema. Ma setgħax jifhem kif issa il-kunsill kien qed jissusidja €115 fix-xahar meta il-flus miġbura kienu biżżejjed sabiex jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż ta' l-instructor.*

*Fil-fatt mil-accounts ħareġ biċ-ċar li l-flus li kien qed jgħaddi l-kunsill ma kienux qed jiġu utilizzati, jew kienu biss qed ikopru parti minima tal-ispejjeż għax il-flus miġbura kienu qed jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż. Il-Kunsilliera Rose Roberts tenniet li filfatt hekk kien qed isir.*

*Għaldaqstant ġie deċiż li l-lezzjonijiet jibdew jiswew €2 u d-diiferenza tkun sussidjata mill-kunsill. Kulħadd qabel ma' din il-proposta.*

Kunsill Lokali Kirkop – Triq il-Barrieri, Kirkop
Sindku: Sur Mario Salerno
Vi`i Sindku : Sur Joseph Carbone
Kunsilliera : Sur Stephen Mizzi, Sinjorina Nadia Zammit, Sinjura Mary Rose Roberts
Tel: 21680099 Fax: 21683777 email: kirkop.lc@gov.mt

## 4. Stqarrija tas-Sindku Mario Salerno

1. Is-Sindku beda biex irringrazzja lil sħabu l-kunsilliera u lill-istaff tax-xogħol siewi li wettqu matul il-ġranet sħan tas-sajf speċjalment fiż-żmien li kien imsiefer. Irringrazzjak b'mod speċjali lil Viċi Sindku Joe Carbone, li kellu l-kariga li jmexxi bħala Aġent Sindku.

2. Is-Sur Salerno qal li minn l-aħħar seduta li ltaqjna, tkompla x-xogħol fuq il-bankina fi Triq San Pietru, proġett li kien ippjanat biex ikun implimentat mill-kuntrattur l-Asfaltar. Liema xogħol kien iċċertifikat mill-perit Anthony Bezzina.

3. Is-Sindku qal li l-iżvillup tal-binja tal-kunsill qed jagħti dehra ahjar. L-istaff beda jaħdem fuq il-quotes u t-tenders għat-tkomplija tax-xogħol. Seħibna Stephen Mizzi il-Kunsillier stinka mad-designer biex fl-iqsar żmien jagħmlilna d-disinji dekorativi ta' l-uffiċċju amministrativ.

4. Is-Sindku qal li dan l-aħħar xahar, Nadia Zammit l-kunsilliera mexxiet b'awtorita l-grupp ta' żgħażagħ barranin li ntażgħlu jiġu fil-lokalita tagħna taħt il-fondi tal-Unjoni Ewropea. Dawn iż-żgħażagħ ħadmu flimkien f' workshops u bħala konklużjonijiet minn dawn il-workshops, kitbu lista ta' rakkomondazzjonijiet li jolqtuna mill-qrib. Is-Sindku irrikmanda bis-sħiħ li l-kunsilliera kollha jaqrawhom sabiex nifhmu aħjar x' feedback tawna ż-żgħażagħ barranin. Is-Sur Salerno ta prosit lil Nadia u lis-sotto kumitat tagħha li wettqu programm tajjeb ħafna. Is-Sindku talab lil Nadia biex tispjega aktar fit-tul u tikteb rapport qasir fuq dan il-programm.

5. Is-Sindku qal li fl-aħħar ġimgħa, il-kunsill lokali tagħna kien rappreżentat fis-Slovakja, permezz tal-kunsilliera Rose Roberts. Is-Sindku kompla u qal li kif tista' tikkonferma Rose, il-parteċipazzjoni fil-LAG tista' trendi aktar ġid lejn il-lokalita tagħna fl-ambitu regjonali. Kien hemm laqgħat siewja ma' Sindki differenti ta' lokalitajiet diversi u minn dawn il-laqghat ħareġ ħafna ġid li jista' jkun reċiprokat bejn il-lokalitajiet. Nitlob lil Rose biex tispjega aktar fid-dettal u tikteb rapport qasir fuq dan il-progett.

6. Minn naħa tiegħu is-Sindku, waqt li kien fuq żjara privata fil-Kanada, kellu l-oportunita li jkun mistieden fuq l-Ontario TV. Fl-intervista li kellu, is-Sindku indirizza id-diskors tiegħu lejn il-Maltin emigranti u ta informazzjoni fuq Ħal Kirkop. Dan il-programm intwera nhar is-sibt 22 t' Awwissu u ġie milqugħ tajjeb ħafna. Kienu tant Maltin li urew interess li jiġu jżuru lir-raħal tagħna. Is-Sindku qal li ura ritratti fuq Ħal Kirkop, u r-raħal tagħna għoġobhom ħafna. Salerno kompla u qal li irċieva xi emails positivi fuq il-programm.

7. Is-Sindku semma u qal li l-YMCA iqassmu xi prodotti ta' l-ikel lill-paroċċi ta' Malta u Għawdex kollha. Salerno kellu informazzjoni li l-paroċċa ta' Ħal Kirkop kienet l-unika waħda li ma aċċettatx din l-għajnuna li ġejja mill-UE. Għalkemm qam dan l-ostakolu, il-Fondazzjoni San Giovanna Antide ser tieħu il-kariga biex iġġib dan l-ikel, u se jitqassam minnhom skond il-kriterju ta' min għandu bżonn.

8. Is-Sur Salerno qal li bħalissa ġejna mitluba mill-MEUSAC sabiex nagħtu xi informazzjoni fuq il-Miżura 313 li konna applikajna xi xahrejn ilu. Ranier kellu jieħu ħsieb li jagħtihom l-informazzjoni kif mitluba minnhom.

9. Salerno qal li fil-preżent, qegħdin naħdmu fuq proġett ieħor li jista' jkun mgħejjun minn fondi tal-Gvern ¬entrali sabiex intellgħu xi attivita li tippromwovi l-iżvillup rurali fil-lokalita. Bħala attivita, qed ikun propost Irkottafest fil-5 u s- 6 ta' {unju, 2010. Is-Sindku qal li bagħat l-applikazzjoni lil kull

wieħed u waħda minnkom. Is-Sindku qal li jixtieq jirċievi feedback minn kulħadd sabiex intejjbu l-programm, għaliex dak li niktbu llum, se jkun referut lil MEUSAC sabiex ikun evalwat għall-approvazzjoni tal-fondi. Is-Sindku qal li llum irridu nistabilixxu min ser ikun jassesstih fuq dan il-proġett li hu ta' għamla rurali. Rose qalet li hi fix-xitwa tista tgħinu. Inqalat kwistjoni fuq il-postijiet tal-gabbani ta' kif ser jingħataw u min ser ibiegħ xiex. Fl-aħħar ġie propost li issir forma ta' polza kull sena li b'hekk tkun bil-fair.

10. Is-Sindku ltaqa' ma' ħafna nies li jgħixu ħdejn il-kumpless sportiv, u dawn urew tħassib kbir fuq l-ilmiet tax-xita li jinżel mill-iskola. Din l-issue ġiet referuta lil Ministeru ta' l-Edukazzjoni, u l-istaff talab kemm il-darba biex nfasslu laqgha bħala kunsill lokali mal-Ministru sabiex tingħata l-istampa ċara u informazzjoni relatata ma' l-inħawi. Is-Sindku qal li tajjeb li niftakru li meta ltqajna fil-laqgħa pubblika qabel ma beda l-progett tal-Kullegg San Benedettu, r-residenti kienu mwiegħda li meta tinbena' l-iskola, l-gvern kellu jibni t-toroq li qatt ma twettqu u li bl-inġenji kbar tħaffru toqob kbar li joħolqu periklu serju lil pedonali kif wkoll lis-sewwieqa tal-vetturi.

Fuq din il-materja, is-Sindku kiteb lil Onor. Chris Said, fejn talbu jfiehmu bil-bżonnijiet tar-raħal, li jekk ma jkunx il-{vern ¬entrali li jgħin fir-rikostruzzjoni tat-tlettax-il triq, ma jkun qatt possibli li mill-fondi tal-kunsill, nistgħu nagħmluhom aħna xi darba.

11. Is-Sindku enfasizza li l-kommunita tagħna għandha bżonn ħafna għajnuna fl-aspett soċjali u għalhekk irridu nirsistu sabiex ħadd ma jaqa' lura, fl-aspetti soċjo-ekonomiċi kollha.

12. Rigward il-ħidma fuq il-proġett Opportunities Close to Homes, li l-lokalita tagħna qegħda tmexxi bħala Project leader ma' ħames lokalitajiet oħra, l-istess Ranier sejjah għal laqgha tal-lum sabiex kull kunsill lokali jibgħat xi rapprezentant tiegħu biex jieħu sehem fl-adjudication board li se jadjudika l-offerti li daħlu sabiex immexxu l-progett msemmi. Għalhekk nitlob lir-Ranier sabiex jgħidilna kif se jmexxi dan il-progett. Ranier qal li issa il-proċess li jmiss huwa li naġġudikaw it-tenders tal-ICT training and Publicity u tal-Project Administrator. Rigward it-tender ta' l-ICT training kellna biss offerta waħda minn għand it-TCTC u kulħadd qabel li tingħata lilu. Imbgħad rigward it-tender tal-Project Administrator kellna żewġ offerti waħda minn għand il-Paragon Europe ta' €35,400 u oħram inn għand is-Sur Josef Gauci ta' €27,800. {ie maqbul li tingħażel l-offerta ta' Josef Gauci minħabba raġunijiet ta' l-irħas prezz u minħabba esperjenzi passati.

13. Is-Sindku qal li billi l-konsum kiber sew fil-lokalita, kiber sew ix-xogħol tal-kenniesa. Wasal iż-żmien li aħna nieħdu deċiżjoni sabiex naraw kif nistgħu innadfu aħjar u nkunu aktar effiċjenti fil-knis tat-toroq. Wkoll marbut ma' l-igene, hemm il-ġbir ta' l-iskart mid-djar. Se jkun hemm bidla fit-tendering ta' l-iskart domestiku u niżi ħajr lil Stephen li għandu biċċa xogħol iebsa, għax vera hemm xogħol qawwi u iebes quddiemna. {ie suġġerit biex nagħmlu dust bins f'postijiet strateġiċi fejn hu sorveljat bil-cameras. Stephen ippropona biex nagħlqu l-parti fejn jaraw l-ajruplani. Kulħadd qabel ma dan.

14. Is-Sindku stqarr li fid-dawl tal-patt tas-Sindku rigward il-bidla fil-klima, l-Kunsill ta' Ħal Kirkop kien pijunier fuq din it-tema. Kien għaxar snin ilu, li l-Kunsill tagħna taħt is-Sindku C. Mansueto ippreżenta dokument biex jitwaqqaf kulleġjat tal-Kunsilli Lokali kollha sabiex nindirizzaw il-fonomenu tal-bidla fil-klima.

Is-Sur Carbone qal li s-Sindku tkellem tajjeb fuq dan is-suġġett fil-laqgħa li ġabret fiha s-Sindku u l-Viċi Sindku u nawguraw li dan il-proġett jirnexxi.

Stephen Mizzi qal li meta għaxar snin ilu, l-Kunsill Lokali mexxa din il-mozjoni, kienu ħafna Kunsilliera dak iż-żmien li ma fehmux is-sinjifikat ta' dan il-proġett.

Stephen Mizzi jieħu pjaċir, li dak li talab Ħal Kirkop għaxar snin ilu, qiegħed jingħata l-interess mistħoqq.

**5.1. Stqarrija tal-Viċi Sindku Joe Carbone**

5.1.1. Is-Sur Carbone qal li fil-festa sema' tgergir kbir rigward il-kenniesa u tal-ġbir ta' skart. Il-Viċi Sindku qal li Raymond Attard, il-Kuntrattur tal-ġbir ta' skart kellu ġlieda ma Connie tal-ħanut Marcons fuq l-ammont kbira ta' kartun li ħarġitu l-Erbgħa. Stephen qal li għandu raġun ma jigboruliex għaliex ma kienx nhar ta' Tlieta, il-ġurnata li jinġabar l-iskart.

Is-Sur Carbone qal li tajjeb li nibgħatu ittra lil ħwienet kollha tar-raħal u niġbdulhom l-attenzjoni b'dan. Carbone issuġġerixxa li jerġgħu isiru skoss dustbins għax m'hawnx speċjalment fejn l-iskola.

5.1.2. Rigward il-latrina pubblika is-Sur Carbone qal li tkellimna ma' Charles Chircop u li ser jibda x-xogħol wara l-festa ta' San Leonardu. Is-Sur Carbone xtaq li ikollu laqgħa mad-designer li għamel ir-renderings sabiex naraw kif ser jiġu l-plakek etc.

5.1.3. Il-Viċi Sindku qal li hemm ħajt fi Triq San Leonardo li qed jaqa' biċċiet għalhekk tajjeb li nieħdu ħsiebu u nirrapurtaw il-pulizija.

5.1.4. Is-Sur Carbone qal li sabu ¬ensu ta' kazza u ilmenta fuq il-generators fi żmien il-festa għaliex kienu jagħmlu storbju kbir sa tard bil-lejl. Is-Segretarju qallu li dawk suppost kienu marbutin li ma jistgħux jużaw generator u flok japplikaw l-Enemalta sabiex ituhom fergħa dawl mil-main tat-triq.

5.1.5. Il-Viċi Sindku xtaq jinforma lil sħabu li s-Sur Jeremy Boissevain irringrazzja lil Ħal Kirkop tal-premju Mertu Kirkop għal-din is-sena.

**5.2. Stqarrija tal-Kunsillier Rose Roberts**

5.2.1. Rose bdiet biex tkellmet fuq il-mawra fis-Slovakia. Rose qalet li laqawhom ħafna u marru hemm fuq xogħol u għax kien hemm attivita li ssir darba f'sena tal-Labour ma San Anard. Rose tablet li nibgħatu ittra ta' ringrazzjament lil Malvina. Is-Sinjura Roberts qalet li raw kif jaħdmu l-LAGs fis-Slovakia,  kif ħadu l-fondi fl-UE u kif jistrutturaw ċertu affarijiet. Rose kompliet u qalet li huma ħadu flus fuq il-baqar. Roberts qalet ukoll li kienet state of the art u dawn il-LAGs imexxuhom il-kunsilli flimkien mal-privat. Huma raw ukoll fejn jagħmlu l-inbid fil-vineyards. Haġa oħra li riedet tispjega lil sħaba kienet li fin-north is-Slovakki ħadu postijiet li kienu jintużaw għall-baqar biex jagħmluhom hostels.

**5.3. Stqarrija tal-Kunsillier Stephen Mizzi**

5.3.1. Stephen issuġġerixxa li nibdew naħsbu fuq premju ġdid ġewwa Ħal Kirkop sabiex in-nies ikollhom iktar awareness biex ma jarmux barra u biex iżommu nadif. Kulħadd qabel.

5.3.2. Stephen qal li tkellem mal-Ministeru u talab għall-isweeper sabiex jiġu inaddfu f'Ħal Kirkop. Mil-Ministeru qalulu li jistgħu jagħmlu dan is-servizz pero hemm spiża u ser jitkellem fuqha iktar il-quddiem.

Rigward id-dustbins Stephen qal li ser igib xi stimi huwa.

5.3.3. Rigward l-istima ta' l-appoġġ u il-faċċata fuq il-fil fil-binja l-ġdida tal-Kunsill is-Sur Mizzi qal li ser iġib stima huwa u ser jiltaqa' ma' kuntrattur propju l-għada fuq il post.

5.3.4. Stephen issuġġerixxa li nagħmlu katina u bollards fejn jaraw l-ajruplani sabiex ma jkun jista jidħol ħadd bil-karozzi. Kulħadd qabel.

**5.4. Strarrija tal-Kunsillier Nadia Zammit**
5.4.1. Il-Kunsilliera Nadia Zammit qal li il-proġett Torello kien ta' suċċess u qalet li ser tagħmel ir-rapport u tibgħatu lil kunsilliera f'qasir żmien.

5.4.2. Nadia talbet lil Kunsill sabiex nibgħatu card lil Cathlene tal-Get well soon minħabba li tinsab ma tiflaħx.

5.4.3. Nadia infurmat lil sħaba li fis-16 ta' Settembru ser ikun il-Jum Sportiv f'Ħal Kirkop aħna il-Kunsill u Nancy.

5.4.4. Rigward iż-żibel Nadia qalet li important li tinforma li Felix tal-każin San Leonardu, fil-festa, ma kienx jaf fi x'ħin ser jgħaddi ta' l-iskart u il-boroż suwed il-Ħadd kienu għadhom hemm. Ir-riħa li kien hemm kienet kbira. Is-Sur Carbone qal li il-barman qed joħroġ iż-żibel mil-ġurnata ta' qabel u ser ikellmu hu.

**6. Awtorizzazzjoni tal-Pagamenti**
6.1. Il-pagamenti għaddew kollha minnbarra tal-MED Devolopers, Des & Cons. Ltd minħabba li ser issir laqgħa fejn jiġu diskussi l-istess kontijiet.

Proponuti minn Mario Salerno s-Sekondat minn Stephen Mizzi.

**8. Affarijiet oħra**
8.1. Ma kienx hemm affarijiet oħra.

**9. Konklużjoni**
9.1. Il-laqgħa intemmet fit-8.30pm.

| | |
|---|---|
| **Mario Salerno** | **Ranier Busuttil** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |